MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**PADOVANI JACQUELINE LL.D.**

Seduta ta' 15 ta' Ottubru, 2002

Numru. 679/2002

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
JOHAN SULTANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Johan Sultana ta’ 20 sena iben Martin u Teresa nee Cassar imwieled Pieta fl-4 ta’ Jannar 1982 u joqghod Villa Dwejra, Triq ix-Xarretta Sta Venera jew Blk E, Flat 7, Housing Estate, Hamrun detentur tal-karta tal-identita numru 47882M talli fl-4 ta’ Marzu 2002 ghal habta ta’ 7.30pm fiq Triq il-Ferrovija Hamrun, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ PC283, PC991, PC275 u Gwardjan Lokali G228, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu  qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza jew hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra PC283, PC991, PC275 u Gwardjan Lokali G 228, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dawn il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dawn il-persuni kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita kompetenti, dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi hebb kontra persuni sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara lilhom jew lil haddiehor kem il-darba il-fatt ma jkunx jaqa that id-disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali dan bi ksur tal-Artiklu 339(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija f’dan il-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurjat b’mod li johrof barra mill-limiti tal-provokazzjoni, dan bi ksur tal-Artiklu 339(e) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku, dan bi ksur tal-Artiklu 538(bb) u 338(dd) tal-kap  tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli sar ricediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta datati 27 ta’ Novembru 2001, 29 ta’ Novembru 2001 u 6 ta’ Dicembru 2001 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Settembru 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istsss ammijoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 95, 96, 339(d), 339(e), 338(bb)(dd), 49, 50, 28A u 28g tal-kap 9 u tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal erba snin.

Inoltre tqieghed lill-imputat taht suspended sentence supervision order taht is-sorveljanza ta' Probation Officer Marietta Lanzon.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.